

Brussell, 12 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11594/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0278(NLE)**

---

---

**PECHE 285**

### **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 425 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/866

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 425 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 425 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023  
COM(2023) 425 final

2023/0278 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/866**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat annwali tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali**

Bl-istabbiliment tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali (Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering) tfitte li tiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 1995.

Ir-Repubblika tal-Polonja hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering. L-Unjoni Ewropea mhijiex parti fil-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 6(9) tal-Att ta' Adeżjoni<sup>1</sup>, il-ftehimiet dwar is-sajd li l-Istati Membri jkunu kkonkludew ma' pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea jiġu ġestiti mill-Unjoni, u l-Unjoni timplimenta kwalunkwe deċiżjoni stabbilita taħthom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7277/16 tal-11 ta' April 2016 awtorizzat lill-Polonja biex fl-interess tal-Unjoni, tinnegozja emenda tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering bl-għan li l-Unjoni ssir parti kontraenti. F'Ottubru 2016, il-Polonja pproponiet din l-emenda lid-Depożitarju tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering. In-negozjati rispettivi għadhom ma tlestewx. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/575 tad-9 ta' Marzu 2023 awtorizzat lill-Polonja biex tirtatiffika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni bħala parti f'dik il-Konvenzjoni. Huwa mifhum li hekk kif l-Unjoni Ewropea tiġi aċċettata bħala parti kontraenti integrali, il-Polonja se tirtira s-sħubija tagħha.

#### **2.2. Il-Konferenza annwali tal-Partijiet**

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet hija l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni. Din tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fuq terminu twil tar-riżorsi tas-sajd fil-kompetenza tagħha.

Bħala membru tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, il-Polonja għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' vot. Peress li l-Unjoni Ewropea mhijiex parti fil-Konvenzjoni, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-Baħar ta' Bering jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Polonja hija rappreżentata mill-Kummissjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet. Il-Konferenza annwali tal-Partijiet normalment tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

---

<sup>1</sup> Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

### 2.3. Id-Deċiżjonijiet tal-Konferenza annwali tal-Partijiet

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet għandha l-awtorità li tadotta miżuri għas-sajd taħt il-kompetenza tagħha u dawn huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Il-miżuri miftiehma mill-partijiet kontraenti jidħlu fis-seħħ immedjament wara li l-partijiet kontraenti jkunu ġew innotifikati bihom.

### 3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIJIED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Il-pożizzjoni li tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħalissa hija stabbilita permezz ta' approçċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinçipji ta' gwida u orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Għall-Konferenza annwali tal-Partijiet, dan l-approçċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 tal-14 ta' Mejju 2019, li tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering għall-perjodu 2019-2023. Id-Deċiżjoni tinkludi prinçipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll l-ispeçificitajiet tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering. Barra minn hekk, tistipula l-proçess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 tippredvi rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering għall-perjodu 2024-2028, u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 inkorporat il-prinçipji u l-orjentazzjonijiet tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd<sup>3</sup>. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Fir-rigward tas-sajd, din ir-reviżjoni tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità<sup>4</sup>, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku<sup>5</sup> u "Mill-Għalqa sal-Platt"<sup>6</sup>. Tqis ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks<sup>7</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero<sup>8</sup>. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani<sup>9</sup>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>3</sup> COM(2011) 424, 13.7.2011.

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soçjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soçjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soçjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soçjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### 4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”<sup>10</sup>.

#### 4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Konferenza annwali tal-Partijiet hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni tal-Baħar ta’ Bering.

L-atti li l-Konferenza annwali tal-Partijiet tintalab tadotta jikkostitwixxu atti b’effetti legali. L-atti previsti għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Konvenzjoni tal-Baħar ta’ Bering u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat<sup>11</sup>;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>12</sup>; u
- ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni<sup>13</sup>.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta’ Bering.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

#### 4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b’Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” (COM/2021/400 final).

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

<sup>10</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

<sup>11</sup> ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>13</sup> ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-att legali li jstipula l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Din id-Deċiżjoni se tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866.

#### **4.3. Konklużjoni**

Il-baży ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/866**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Repubblika tal-Polonja hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering ("Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering"). L-Unjoni mhijiex Parti f'dik il-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 6(9) tal-Att ta' Adeżjoni<sup>1</sup>, ftehimiet dwar is-sajd konklużi mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi huma ġestiti mill-Unjoni, u jenħtieġ li l-Unjoni timplimenta kwalunkwe deċiżjoni stabbilita skont il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7277/16 tal-11 ta' April 2016 awtorizzat lir-Repubblika tal-Polonja biex fl-interess tal-Unjoni, tinnegozja emenda tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering bil-ħsieb li l-Unjoni ssir Parti għal dik il-Konvenzjoni. F'Ottubru 2016, il-Polonja pproponiet din l-emenda għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering lid-Depożitarju ta' dik il-Konvenzjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/575 tad-9 ta' Marzu 2023 awtorizzat lill-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering li tippermetti l-parteciġazzjoni tal-Unjoni bħala parti f'dik il-Konvenzjoni<sup>2</sup>. Huwa mifhum li hekk kif l-Unjoni tiġi aċċettata bħala Parti integrali tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, ir-Repubblika tal-Polonja se tirtira s-sħubija tagħha mill-Konvenzjoni.
- (4) Il-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering ("il-Konferenza annwali tal-Partijiet") hija responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/575 tad-9 ta' Marzu 2023 li tawtorizza lill-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-żona ċentrali tal-Baħar ta' Bering (ĠU L 75, 14.3.2023, p. 15).

- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjeg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini haġġin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawg l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twertiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità<sup>4</sup>, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku<sup>5</sup> u "mill-Għalqa sal-Platt"<sup>6</sup>, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (7) L-istrateġija għall-Plastiks<sup>7</sup> tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero<sup>8</sup> jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (8) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani<sup>9</sup>, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (COM/2020/380).

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)400 final.

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.

- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>10</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>11</sup>; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>.
- (10) Skont il-prassi attwali, il-Kummissjoni, bħala rappreżentant estern tal-Unjoni fir-rigward tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fis-sajd, tirrappreżenta lir-Repubblika tal-Polonja u l-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.
- (11) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering hija stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866<sup>13</sup>. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (12) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028. Jenħtieġ li daww il-pożizzjonijiet ikunu bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

<sup>11</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>13</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-żona ċentrali tal-Baħar ta' Bering, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, f'dik il-konferenza annwali (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 66).

## *Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

## *Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għall-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering fl-2029.

## *Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/866 hija mħassra.

## *Artikolu 5*

1. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja sakemm isseħħ l-adeżjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.
2. Wara l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, din id-Deċiżjoni tkun indirizzata lill-Kummissjoni li għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*